Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Numru 800/1999

Il- Pulzija
(Supretendent Alexandra Mamo)

vs

Anthony Grech

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi

Anthony Grech ta’ 57 sena, bin il- mejtin Emmanuel u Consiglia nee’ Debattista, imwieled il- Marsa fit- 28 ta’ Dicembru 1947 u residenti No. 74, Sqaq Pawlu Magri No. 2, Luqa. Detentur tal- karta tal- Identita’ bin- numru 24648M.

Talli f’ dawn il- Gzejjer b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess dispozissjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda u cioe’ fit- 12 ta’ Mejju

1999, fit- 13 ta’ Lulju 1999, fis- 26 ta’ Lulju 1999 u fis- 26 ta’ Gunju 1999 u f’ xi granet ohra;

a. appropja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minna specifikat u cioe’ appropja ruhu minn jiggers li jammontaw ghal aktar minn Lm 1,000, liema jiggers kienu ta’ Joseph Sacco ta’ Super S Ironmongery, Zurrieq, Charles Camilleri ta’ Charles Ironmongery, Sunny Abela miz- Zejtun, George Pulis minn Haz- Zabbar u Raymond Bonnici u Malcom Muscat ta’ R & G tal- Mosta u persuni ohra, liema jiggers gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd jew li jsir uzu specifikat, dan bi ksur ta’ l- artikolu 293 tal- Kap. 9 tal- Ligiijiet ta’ Malta.

b. B’ mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex gieghel titwemmen l- esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn Lm1,000 ghad- dannu ta’ Joseph Sacco Super S Ironmongery, Zurrieq, Charles Camilleri ta’ Charles Ironmongery, Sunny Abela miz- Zejtun, George Pulis minn Haz- Zabbar u Raymond Bonnici u Malcom Muscat ta’ R & G tal- Mosta u persuni ohra bi ksur ta’ l- Artikoli 308 u 309 tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat in- nota tal- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qroti.

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Rat li fis- seduta ta’ llum l- akkuzat ammetta l- akkuzi migjuba kontrih u tenna wara li l- Qorti taghtu zmien biex jahsibha u fissritlu xi tfisser ammissjoni.

Issibu hati.

Rat l- art 18, 293, 308 u 309 tal- Kap 9 u ssibu hati tar-reati hemm imsemmija.

Rat ukoll l- art 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta u ser tapplika dan l- artiklu billi l- hati jehtieg kura medika, hteiga ta’ tmexxija fil- hajja biex jehles mill- usura li ghamlitu vittma taghha u ghalhekk fil- waqt li ssibu hati tilliberah taht il- provedimenti ta’ l- art 22 tal- Kap 446 b’ dan li ma jghamilx reat iehor fi zmien tlett(3) snin m’ illum u titlob lid- Direttur tal- Probation jappuntalu ufficjal tal-probation biex jaghatih l- ghajnuna mehtiega u wara sitt xhur jew zmien iehor li jidhirlu xieraq iressaq rapport il-Qorti dwar l- imgieba tal- hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------